**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 43**

**16 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Maurizio Gauci – Vici sindku
Alfred Attard – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Luke Vella – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**
Gilmor Borg – Kunsillier

Rosette Cassar - Kunsillier

**Assenti:**
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**43.1.1** Is-Sindku, is-Sa Desirei Grech, staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri ta' apoloġija, fejn hija rrispondiet li rċeviet tnejn: dik tas-Sur Gilmour Borg , tas-Sa Rosette Gauci.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**43.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il-minuti preċedenti nu 42 . Ma kien hemm l-ebda kumment dwar il minuti bejn dawk preżenti.

**42.2.2** Is-Sa Jade England ipproponiet u Is-sur Maurizio Gaici issekonda l-minuti tal-laqgħa numru 42 bħala moqrija u korretti.

**43.3 Arisings mill-Minuti**

**42.3.1** Xejn

**43.4 Komunikazzjoni mis-sindku**

**43.4.1** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li d-Dipartiment li fl-aħħar ġranet beda x-xogħol ta' restawr fuq il-kampnar tal-Kappella tal-Vitorja. Dan il-proġett qed jitwettaq permezz ta' skema li ħarġet fis-sena 2024, b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta, bil-għan li jiġi kkonservat u mħares dan il-post li għandu valur storiku u kulturali fil-lokalità tagħna.
Il-Kunsill se jibqa' jsegwi mill-qrib il-progress ta' dan il-proġett sabiex jiġi żgurat li x-xogħlijiet jitwettqu skont l-ogħla standards ta' konservazzjoni.

**43.4.2** Is-sindku infurmat lil Dawk preżenti li Fl-aħħar jiem ġiet ippreżentata talba mill-Għaqda tan-Nar sabiex jiġi allokat spazju li jkunu jistgħu jużaw għal-laqgħat tagħhom.
Wara li ġie evalwat l-ispazju disponibbli li għandu l-Kunsill, ġiet identifikata kamra fil-Ġnien l-Istazzjon li fil-passat kienet tintuża minn studenti tal-MCAST. Din il-kamra bħalissa mhijiex qed tintuża u tinsab vojta. Is-sindku staqsiet jekk isibux oġġezzjoni.

**42.4.3** Is-Sur Alfred ikkummenta li għandna nappoġġaw din it talba.

**42.4.4** Is-sur Kaylocke ikkummenta li din il kamra kienet ingħatat lil MCAST u kien hemm xi ftehim iffirmat. Is-sindku qalet li ma nstab l-ebda ftheim iżda qablet li niċċekkjaw mil ġdiid anke n mal-avukat.

**42.4.5** Is-Sindku staqsiet lis -sur Antoine Attard jekk riedx jikkumenta fejn huwa qal li m'għandux problema li ngħatu l-kmamar imma hemm ħafna aktar għaqdiet li għandhom bżonn. Huwa semma li hemm il-knisja tal Karmnu mgħaluqa u mhux isir quddies, xgħolijiet ma jsirux in-naħa ta fleur De Lys u Swatar. Fuq dan il kumment inqalat diskussjoni bejn il kunsilliera Antoine u l-s-Sindku fejn ġie sostnut li in naħa ta' Fleur De Lys hija parti min Birkirkara u mhux minnu li ma tingħatax prijorità. Dan l-aħħar sar manutenzjoni fil play area li swiet eluf ta Euro lil Kunsill. Kien sostnut li l-għajnuna dejjem tingħata lil kulħadd u jekk hemm suġġerimenti tiegħu u jitilgħu kunsill.
Tqajmet ukoll kwistjoni permessi mill awtorità tal Ippjanar fejn Antoine sostna li għandu jidħol il perit iżda is-sindku qalet li dan mhux possibbli anke finanzjarjament.

**43.4.6** Is-sindku infurmat lil Dawk preżenti li Il-Kunsill ġie infurmat li fil-proġett ta' illuminazzjoni tal-faċċata tal-Bażilika, immexxi mill-Kurja u ffinanzjat mill-Malta Tourism Authority, mhux qed jiġi propost li jsir l-intervent kollu meħtieġ fuq il-bankina minħabba nuqqas ta' fondi.
Il-Kunsill regà iddiskuta din il-proposta u kkonferma l-pożizzjoni tiegħu, li jekk ix-xogħlijiet jinvolvu intervent fuq il-bankina pubblika, inkluż it-tqegħid tal-infrastruttura tad-dawl, il-bankina għandha tiġi restawrata b'mod sħiħ tul il-parti kollha affettwata. Ġ ew ukolldiskussi alternattivi oħra bhall bozoz mal faċċati tar-residenti. Is-segretarju Eżekuttiv intalbet tibgħat korrispondenza bid-deċiżjoni.

**43.4.7** Is-Sindku infurmat lil Dawk preżenti dwar attività sportiva u ċerimonja kommemorattiva li se jsiru nhar id-19 ta' Lulju, f'kollaborazzjoni ma' Birkirkara FC, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-

bust ta' Victor Zammit.L-attività sportiva se tibda fid-9.00 a.m. bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet sportivi Karkariżi. F'nofsinhar issir iċ-ċerimonja uffiċjali u l-kxif tal-bust tas-Sur Victor Zammit. Matul iċ-ċerimonja jingħata l-"Victor Zammit Appreciation Award", magħżul minn kumitat imwaqqaf is-sena li għaddiet skont kriterji stabbiliti. Il-Kunsill ħa ħsieb il-permessi, l-ispejjeż tal-perit u l-koordinazzjoni meħtieġa biex il-proġett jitwettaq b'suċċess. Is-Sindku talbet sabiex il kunsilliera ikunu preżenti għall din l-okkażjoni.

**43.4.8** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti Qed jiġu introdotti miżuri ġodda ta' sigurtà fil-Kunsill, inkluż li l-aċċess mill-grada tal-parkeġġ ikun limitat għal persuni awtorizzati biss. Wara konsultazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, se jsiru wkoll arranġamenti biex jitjieb il-kontroll tal-aċċessi u l-organizzazzjoni tal-ispazji, bil-għan li jinħoloq ambjent aktar sigur u effiċjenti għall-ħaddiema, il-kunsilliera u r-residenti.

**43.4.9** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li kella talba minn Birkirkara FC għall-allokazzjoni ta' kamra bħala media room. Il-Kunsill bħalissa għaddej b'inventarju u evalwazzjoni tal-ispazji kollha disponibbli. Wara li jitlesta dan il-proċess, ikun jista' jivvaluta jekk it-talba tistax tintlaqa', filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tiegħu u l-aħjar użu tal-ispazji. Il-Kunsill japprezza l-ħidma tal-klabb u se jkompli jżomm djalogu miftuħ dwar din il-kwistjoni.
Giet diskussa ukoll li jinstabu agreements ta premisis ohrajn .

**43.4.10** is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill li ġiet ippreżentata talba sabiex issir quddiesa quddiem id-dar tal-Nazju Falzon fi Triq San Ġiljan.
Il-Kunsill ġie mitlub jassisti fil-proċess relatat mal-permessi meħtieġa kif ukoll fil-provvediment ta' siġġijiet għall-attendenza tal-pubbliku. Hija staqsiet jekk jaqblux sabiex imexxu bhal ma dejjem għena għaqdiet oħra. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti

**43.4.11** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju fis-6:30pm, fis-Sala tal-Kunsill, se jiġu ppreżentati vouchers lill-cat feeders volontiera tal-lokalità. Dawn il-vouchers huma ffinanzjati mill-€1,450 miġbura permezz tal-inizjattiva tat-Thrift Shop, li nħolqot biex tappoġġja lil dawk li jieħdu ħsieb il-kolonji tal-qtates. Din hija forma ta' rikonoxximent għall-ħidma siewja tagħhom u nirringrazzja lil kull min ikkontribwixxa għal din l-inizjattiva. is-sindku stiednet lil kunsilliera biex jattendu.

**43.4.12** Is-sindku informat lil dawk preżenti li kelna talba mingħand UTV sabiex issir donazzjonita €100 sabiex tixxandar il festa ta Sant Elena. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**43.4.13** Is-sindku infurmat lil dawk li preżenti li l-Water Services Corporation qed tippjana xogħlijiet fi Triq l-Indjana u Triq l-Akwedotti, iżda dawn mistennija jibdew biss fi żmien madwar tmien xhur. preżentement li Enemalta qed tgħamel ix-xogħolijiet f'dawn it-toroq u pproponew li jagħlqu it-trinek temporanjament u jerġgħu jinfetħu aktar 'il quddiem għax-xogħlijiet tal-WSC. Is-sindku staqsiet lis segretarju Eżekuttiv tispjega aktar fuq il materja. Fejn hi qalet li wieġbet li din ma kienetx ha tintlaqa tajjeb mill kunsill iżda ha titressaq quddiem il-Kunsill sabiex tiġi deċiża l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tal-impatt possibbli fuq ir-residenti u t-toroq. Il kunsill qabel li joġġezzjona.
Inqala ukoll l-argument rigward is-sinjaletika gdida ta trejqet Fleur De Lys u kif inpatta it traffiku. Il kunsill talab sabiex nikkomunikaw ma TM.

**43.4.14** Is-sindku hadet l-okkażjoni sabiex tifraħ lis-soċjeta ta Sant' Antnin għas-suċċes li kellhom waqt il-Ġemellaġ f'padova.

**43.4.15**. Is-sindku staqsiet lis-segretarju eżekuttiv sabiex tghati update rigward xogħolijiet min IM fuq triq il-Qasab. Is-segretarju Eżekuttiv infurmat li l-korispondenza giet mibgħuta il Ġimgħa filghaxija fis-6pm meta l-ufficini ikunu mgħaluqa u l-parti li ha ssir hija biss il parti id-dejqa li tghati għall watercourse. SE ifurmat li x'aktarx it triq ser issir bil concrete.

**43.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**P42.5.1** is-Sindku qalet li irceviet domandi mingħand il kunsillier Kaylocke Buhagiar.
**1** Purcissjoni Festa Santa Rita :

*Waqt il-purcissjoni tal-Festa Santa Rita li tigi ċ-celebrata fil-kappella ta' Santu Rokku ma attendewx il-pulizija biex jieħdu ħsieb l-għeluq ta' toroq u t-traffiku. Il-kunsill u l-amminstazzjoni ghandhom jaraw u jizguraw li dawn l-affarijiet ma jigrux la darba ikun hemm il-permessi mehtiga.*

Is-sindku qablet u żiedet tgħid , il-Kunsill għandu jispeċifika b'mod ċar il-ħtieġa ta' clearance u l-preżenza tal-Pulizija matul l-attività, fejn dan ikun meħtieġ.
Fl-aħħar mill-aħħar, meta jinqalgħu sitwazzjonijiet bħal dawn, l-għaqdiet jerġgħu jiġu għand il-Kunsill biex jgħinhom isibu soluzzjoni. Għalhekk huwa importanti li nieħdu l-prekawzjonijiet

kollha meħtieġa minn qabel u niżguraw li jkun hemm komunikazzjoni ċara u koordinazzjoni effettiva bejn il-Pulizija, l-għaqdiet involuti u l-Kunsill, sabiex nevitaw problemi simili fil-futur u nassiguraw li l-attivitajiet isiru b'mod sigur u organizzat. Nitolbok tibghat memo lill-ħaddiema halli taghraffhom b'dan.

2. Servizzi fil-kunsill fil-ġurnata tas-Sibt :

*Qed ikelmuni bosta residenti li is-Sibt mhux qed jigi rispondut it-telephone. Jekk il-kunsill is-sibt ma jigix irrispondut it-telephone nistaw ninfurmaw li ma nilqawx telefonati is-sibt u iridu icemplu mit-tnejn sa gimgha fit-tali hin?*

Is-sindku qablet li Peress li s-Sibt ikun hemm impjegata waħda biss fl-uffiċċju għall-ħruġ tal-permessi, mhux dejjem ikun possibbli li jitwieġbu t-telefonati kollha. Għalhekk, issuġeriet li r-residenti jiġu infurmati li għal mistoqsijiet ġenerali għandhom jikkuntattjaw lill-Kunsill matul il-ġimgħa fil-ħinijiet normali tal-ftuħ.

3. Ħaxix salvaġġ.

*Il-ħaxix salvaġġ li jitla minn bejn il-kurdunau u it-triq minn qed jiħu ħsieb li jaqalgħu u inadfu? Dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Cleansing.*

Is-Sindku irrispondiet li l-Kunsill għandu MoU mad-Dipartiment li jinkludi s-servizzi tal-knis u l-qtugħ tal-ħaxix. Minkejja diversi rapporti dwar nuqqasijiet fis-servizz, ma kienx hemm rispons sodisfaċenti. Għalhekk talbet laqgħa urġenti mad-Dipartiment biex jiġu indirizzati dawn il-problemi. Fid-dawl tal-ħlas annwali ta' madwar €200,000 għal dawn is-servizzi, huwa ġust li nistennew livell ta' servizz adegwat.

4. *Nistaqsi jekk kelniex stedina ufficjali mill-parocca ta' san Guzepp haddiem ghal festa li giet icelebrata flewwel ta' Mejju?*

Is-sindku staqsiet lis segretarju Eżekuttiv rigward l-invit u hi qalet li ma rċeviet xejn. Kull invit li jidħol jiġi mgħoddi mil-ewwel.

5. *Nistaqsi jekk kelniex talba bhas-snien ta' qabel biex naghjnu fil-festa ta' tfal li isir fil-gurnata tal-festa ta' salib (Santu Kruc) li tigi organizzata mis-socjeta dun filipu borgia.*

Is-Segretarju eżekuttiv qalet li le ma rcivietx l-ebda talba biex ngħinu fil-festa tat-tfal ta' Santu Kruċ mis-soċjetà Dun Filippu Borgia. Kieku kellna telgħet kunsill u ghejna bhal ma sar fis-snin precedenti.

6. *Fil-purcissjoni tal-festa ta' salib l-ghassa tal-lokalita naqset li tnehhi il-karozzi minn partijit tar-rotta tal-purcissjoni dan kien ta' periklu ghal purcissjoni u ghal lis-statwa u ir-reffija li ma setawx jaghddu komdi minn dawn it-toroq u kantuniri. Nitlob li nibaghtu lil kummisarju biex dan ix-xoghol isir sew!*

Is-sindku qable li meta jsiru l-applikazzjonijiet u l-permessi meħtieġa għal attivitajiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jispeċifika b'mod ċar il-ħtieġa ta' clearance u l-preżenza tal-Pulizija matul l-

attività, fejn dan ikun meħtieġ. Peress li ġie nnutat li kien hemm ħafna cirkostanzi fix-xahar li għadda fejn diversi attivitajiet ma kienux akkumpanjati mill-pulizija kif suppost, talbet biex issir kjarifika mal -Kummissarju.

7. *Qed ninota li ħafna residenti qed joħorġu lis-Skart tal-ġurnata li immis mas-6 ta' filaxija, x'ser nagħmlu fuq dan ir-rigward? Hemm bżonn niħdu azzjoni għax dan ser iwasal li joħorġu kulhadd filaxija, riħa, attrazzjoni għal l-animali, inseti u ħafna aktar affarijit li igibu il-ħmieġ.*

Is-Sindku informaT lill-Kunsill li saret laqgħa mar-Reġjun u mal-kollettur tal-iskart sabiex jiġu indirizzati lmenti mingħand ir-residenti dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Huwa fakkar li dan is-servizz jaqa' taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun, iżda l-Kunsill xorta waħda ressaq it-tħassib tar-residenti.
Matul il-laqgħa ġiet diskussa l-possibbiltà li l-ġbir isir filgħaxija, iżda ġie spjegat li dan ma kienx prattiku minħabba limitazzjonijiet operattivi. Għalhekk ġie deċiż li s-sistema attwali tal-ġbir filgħodu tibqa' fis-seħħ, filwaqt li se tissaħħaħ il-komunikazzjoni mar-residenti dwar il-ħinijiet stabbiliti għall-ħruġ tal-iskart.
Is-Sindku żied li, għalkemm il-kuntratt attwali għad fadallu madwar sena u nofs, diġà bdew diskussjonijiet mar-Reġjun dwar titjib possibbli fit-tender li jmiss. Huwa enfasizza wkoll l-importanza li r-residenti josservaw il-ħinijiet stabbiliti sabiex jitnaqqsu problemi relatati ma' ndafa u saħħa pubblika.

8. *Rilokkazjoni tal-magna tal-BCRS mir-rampa tal-kunsill. Din il-magna qed tkun ta' periklu ghal l-accesibilta biex tkun tista tidhol fic-centru civicu aparti il-hmieg u it-tidlik li qed ikunem. Nitlob li din tigi rilokata f'post ihor.*

Is-Sindku qablet u qalet li diga konna baghtna lill-kumpanija is-seg Eżekuttiv qalet li irridu nipprovdu location ġdida. Il kunsill qabeli li jitpoġġew faċċata ta fejn huma.

9. *Friday 5th June lis-skart organiku ingabar tard kif ukoll kien hemm xi toroq bhal triq Brared li baqa ma ingabarx u ingabar l-ghada mal-borza is-sewda.*

Is-sindku wieġbet li infurmajna lil kolettur u qalilna li kellu problemi waqt il ġabra.

10. *Taht il-pont triq il-qasab il-water service ijlhom ghal dawn l-ahar sentejn jiprovaw isolvu il-problema li rigward id-dranag. Nistaw inkunu nafu xqed jigri, fiex waslu u xinu il-pjan biex isolvu din il-problema u lis-stragni ta' strutura temporanja li hemm prezenti.*

Is-segretarju Żeżekuttiv irrispondiet li l-aħħar informazzjoni li kella hi li il ħsara hi kbira u m'għandhomx dati ta meta ħa jitlesta ix-xogħol.

**43.6 Rapporti**

**43.6.1** Is-Sindku staqsiet lis-segretarju Ezekuttiv irciviets ir-Rapporti Amministrattivi u hi qalet li apparti tagħha irċievet 3 tas Sur Kaylocke tas-Sur Luke u Tas-Sin Jade.
Is-sinku qalet li fir-rigward tal-kunsilliera l-oħra, se jingħataw ċans sal-laqgħa li jmiss biex jissottomettu r-rapport tagħhom.
Wara dan, ir-rapporti kollha li jkunu ġew sottomessi jinqraw u jintbagħtu lid-Dipartiment sabiex jiġu inklużi mad-dokument tal-AGM ta' nofs is-sena. Dawk ir-rapporti li ma jkunux ġew sottomessi sa dak iż-żmien jiġu nnutati, u jista' jkun hemm ukoll xi tibdil fid-dekasteri fejn ikun meqjus meħtieġ.

**43.7 Amministrazzjoni**

**43.7.1** Sindku infurmat li l-proċess tal-interviews relatat mal-call għall-kariga ta' Skrivan Skala 12 tkompla u inħareġ avviż fuq il-gażetta tal gvern. Filwaqt li il-process biex timtela il vakanza ghall skala 16 ghadu wieqaf

**43.8 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**43.8.1** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm domandi dwar l-iskedi tal pagamenti. Hadd ma kellu domandi

**32.8.1** Is -Sur Maurizio approva u is-Sa Jade issekondat l-iskedat at pagamenti bħala korretta.

**43.8.3** Is is-sur Luke Vella approva u is-Sa Marie Claire issekondat l-iskedi ta petty cash bħala korretta

**43.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**43.9.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 7:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data tal-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2026 fil 5.30pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto